# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DEĊIŻJONI NRU 1693

Każ Nru 2315/FM

Fil-kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Max Wayne Camilleri

u

Falzon Service Station Ltd.

dwar tkeċċija mill-impieg
allegata li hi nġusta

Data: 21 ta' April 2006

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Rikors magħmul fit-22 ta' Settembru 2005 mill-Avukat Joe Brincat għan-nom ta' Max Wayne Camilleri li permezz tiegħu ġie allegat li l-istess Camilleri ġie fid-19 ta' Awwissu 2005 liċenzjat inġustament mill-impieg tiegħu mas-soċjetà Falzon Service Station Ltd. Il-Kumpanija Appellata ċaħdet dan. Hija kienet rappreżentata minn Anthony Falzon, Direttur, assistit mill-Avukat Patrick Galea.

Inżammu sitt seduti.

A tenur tall-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad li billi intalbu diversi differimenti u peress li ma teżiżtix l-infrastruttura meħtieġa ma kienx possibbli li l-każ jinqata' fiż-żmien preskritt mill-istess liġi.

## 2. Fatti tal-Każ

Il-Kumpanija Appellata allegat li l-Appellant kien ġie liċenzjat minħabba nuqqasijiet fid-doveri tiegħu u wara li ingħata diversi *warnings*. Kien jidħol tard għax-xogħol, ma kienx jidħol għall-*overtime* u kien jonqos mir-rispett dovut lis-superjuri tiegħu. L-Appellant jgħid illi minħabba l-istat ta' saħħa tiegħu kaġun ta' inċident li kellu waqt il-ħin tax-xogħol ma kienx jista jagħmel ħafna *overtime*. Jgħid ukoll illi r-raġuni ta' terminazzjoni tal-impieg tiegħu kienet li meta ntalab ma setax jidħol jaħdem nofs ta' nhar is-Sibt u konsegwenza ta' hekk kien liċenżjat. Huwa talab li jiġi kumpensat minħabba l-liċenzjament illegali tiegħu.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Jidher illi hemm qbil illi l-komportament ta' l-Appellant fuq ix-xogħol ma tax lok għal xi lment qabel ma seħħ l-inċident awtomobilistiku li fih l-Appellant kien ġie imtajjar minn karozza meta kien in-naħa l-oħra tat-triq minn fejn jinstagħab l-istabbiliment li kien jaħdem fih l-Appellant. Dana l-inċident, skond l-Appellant, ġara waqt li kien għadu kif ta servizz lil waħda mara li kellha bżonn li jiġu eżaminati t-*tyres* tal-karozza tagħha. Il-Kumpanija Appellata tgħid illi anke mis-CCTV tagħha ma jirriżultax dan iżda jidher li l-Appellant kien mar jixtri Coca Cola minn ħanut li hemm f'dik in-naħa. Quddiem dan il-kuntrast ta' fatti t-Tribunal irid jiġbed il-konklużjonijiet tiegħu dwar dak li kien fil-fatt seħħ. Li jirriżulta huwa li l-Appellant, anke kieku verament kien mar biex jispezzjona t-*tyres* ta' klijenta, fil-fatt spiċċa biex xtara Coca Cola qabel ma qasam it-triq. Issa anke jekk wieħed jassumi li dak li qal l-Appellant ma kienx minnu xorta waħda l-fatt li mar jixtri Coca Cola ma jfissirx li din kienet xi ħaġa rregolari. Jirriżulta li kienet il-prattika li jmorru jixtru pastizzi eċċ mill-ħanut imsemmi (ara xhieda ta' Anthony Falzon seduta tad-19 ta' Ottubru 2005 fol.18). It-Tribunal qed jagħti ċerta importanza lil dan l-inċident peress li l-Appellant kważi qed jirritjeni li l-korriment tiegħu rriżulta minn doveri li kien qed iwettaq, avolja mhux qed jimplika b'xi mod li l-Kumpanijja Appellata hija responsabbli għal dak li ġara.

L-inċident imsemmi jidher li jimmarka *turning point* kemm fl-imġieba ta' l-Appellant, kif ukoll fir-relazzjoni lavorattiva bejnu u l-prinċipal tiegħu. Dak li ġarrab l-Appellant fl-inċident imsemmi jidher li kien ifisser li ma setax jissaporti iktar siegħat twal ta' xogħol. Skond il-konsulent mediku Dr Anthony Zammit il-*concussion* li sofra l-Appellant ma kinitx waħda ħafifa (seduta 8 ta' Marzu 2006 fol.3). L-effetti kienu "li wieħed jgħajja, ma jkollux konċentrazzjoni…..dan idum….uġiegħ ta' rasijiet". In-nuqqasijiet tal-Appellant għal dak li huwa diliġenza fil-ħinijiet tax-xogħol, kif ukoll ċerta riluttanza li jaħdem siegħat twal *overtime* jistgħu forsi jiġu spjegati minħabba l-istat ta'saħħtu. Mill-banda l-oħra l-fatt li qatt ma spjega tajjeb għaliex kellu dawn in-nuqqasijiet ma jitfax dawl posittiv fuq l-atteġġjament tiegħu. Jidher ukoll illi l-komportament tad-Direttur Anthony Falzon fir-rigward ta'l-Appellant meta saħansitra refa' idejh fuqu ma hu xejn konformi ma' imġieba li suppost ikollu prinċipal ma' ħaddiem tiegħu anke jekk forsi jidhirlu li ġie provokat.

It-Tribunal eżamina bir-reqqa l-episodju li jidher li kien il-kawża diretta tal-liċenzjament ta' l-Appellant. Dana ġie ordnat nhar il-Gimgħa ta' qabel ma ġie liċenzjat biex l-għada s-Sibt jidħol *overtime* peress li kien hemm wieħed bis-*sick leave*. L-Appellant jgħid li qal lis-Sur Falzon, il-prinċipal tiegħu, li ma setax jidħol is-Sibt peress li kellu appuntament l-isptar minħabba fi snienu li kienu ġew affettwati fl-inċident imsemmi. Jgħid ukoll li kien urih il-karta tal-appuntament. Jgħid li meta qallu li ma jistax jaħdem is-Sibt is-sur Falzon mar għalih b'banketta f'idu u beda jimminaċċjah li jtih biha. Fl-isfond ta' dan kollu huwa ġie liċenzjat b'effett mit-Tnejn ta' wara, it-22 ta' Awwissu 2005 (dok PA2).

Kemm il-darba intqal mit-Tribunal illi d-dover tal-*overtime* jinkombi fuq il-ħaddiem sakemm ma jkunx hemm raġuni serja biex dan jiġi rifjutat. Fil-każ in eżami kien hemm raġuni valida, u din kienet sostanzjata permezz tal-karta tal-appuntament tal-isptar. Dan ir-rifjut da parti ta' l-Appellant li jaħdem bl-*overtime* kien ir-raġuni għaliex tkeċċa. Infatti meta huwa rrapporta għax-xogħol it-Tnejn ta' wara qalulu li kien spiċċa mill-impieg (Dok. PA5). L-Appellant kien naqas sewwa meta ma kienx jinforma lis-superjuri tiegħu bir-raġuni għaliex kien qiegħed ikun tard regolarment. Għad li l-Appellant kellu kontrih *warning* bil-miktub u kellu sensiela ta' *warnings* orali dwar in-nuqqas ta' puntwalità dak li ta lok għal liċenzjament tiegħu ma jikkostitwix fil-fehma ta' dan it-Tribunal raġuni ġusta u suffiċjenti.

## 4. Deċiżjoni

I-Tribunal Industrijali isib li l-liċenzjament ta' l-Appellant Max Wayne Camilleri minn mal-Kumpanija Appellata Falzon Service Station Ltd. kienet għal raġuni li la hi ġusta u lanqas suffiċjenti.

## 5. Kumpens

Wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż in-nuqqasijiet ta' l-Appellant u wara li ra l-Artikolu 81 tal-Kap 452 it-Tribunal jillikwida l-kumpens li għandu jingħata lill-Appellant mill-Kumpanija Appellata fl-ammont ta' LM 500 li għandhom jitħallsu sa mhux iktar minn xahar mid-data ta' din id-deċiżjoni.

B'hekk jintemm dan il-każ.

## 6. Drittijiet

Għall-iskop tal-Avviż Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' £M40 kull wieħed.

Franco Masini
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja